MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 714/1997/1

**Sullivan Shipping Agencies Ltd**

**v.**

**Ernest Sullivan ghan-nom ta' Sullivan Maritime Limited li b'digriet tat-13 [<u>recte</u>: 18] ta' April 1997 gie konfermat kuratur deputat biex jirrapprezenta lis-socjeta` estera DOGE International S.r.l.**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Is-socjeta` konvenuta fil-kwalitajiet taghha hawn fuq premessi interponiet appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Jannar 2003 f'kawza li giet istitwita kontriha mis-socjeta` attrici, liema decizjoni, li qeghda tigi hawn taht riportata in toto ghar-raguni li tinkorpora fiha l-atti u l-fatti kollha saljenti u pertinenti tal-vertenza in ezami, kienet tghid li gej,
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni attrici presentata fl-1 ta' April 1997 li permezz taghha s-socjeta` attrici wara li ppremettiet illi d-ditta attrici ghandha xoghol marittimu ta' 'groupage' fl-Italia li ilha tizviluppa tul dawn l-ahhar seba' snin, u kienet zviluppat, fost affarijiet ohra, klientela mdaqqsa u tajba; illi d-ditta konvenuta giet iffurmata l-Italja ghal habta ta' April ta' 1996, meta zewg impjegati tad-ditta Tavoni Carretta, li taghha kellha r-rappresentanza taghha (sic) dak iz-zmien id-ditta konvenuta (sic) Sullivan Shipping Agencies Limited, telqu l-kumpanija li kienu jahdmu fiha u fethu ghar-rashom bhala DOGE International S.r.l.; illi f'Mejju 1996, wara li gew avvicinati mill-kumpanija konvenuta, is-socjeta` attrici bdiet tuza, bhala 'groupage operators' fl-Italja, lis-socjeta` konvenuta minflok id-ditta li hija kienet ilha tirrappresenta ghal diversi snin, u bhala rizultat, is-socjeta` attrici nghatat l-agenzija u r-rappresentanza tad-ditta konvenuta f'Malta; illi bhala rizultat ta' dina l-agenzija u rappresentanza, is-socjeta` konvenuta bdiet taghmel uzu mill-klijentela kollha li kellha s-socjeta` attrici u sahansitra, meta r-rappresentanti tas-socjeta` konvenuta gew hawn Malta, l-istess socjeta` attrici introduciethom mal-klijenti taghha biex jippromwovu x-xoghol tad-ditta konvenuta; illi fil-bidu ta' Lulju 1996, il-Managing Director tal-kumpanija attrici flimkien ma' impjegat iehor li kien jiehu hsieb il-'Groupage Department' tad-ditta attrici temmew l-impieg taghhom mal-kumpanija attrici b'effett immedjat u fethu kumpanija marittima gdida f'kompetizzjoni diretta mal-kumpanija attrici; illi l-ex-impjegati tal-kumpanija attrici, meta fethu l-kumpanija marittima gdida, hadu diversi agenziji principali li maghhom il-kumpanija attrici kienet ilha tahdem, fosthom il-kumpanija konvenuta; illi fis-16 ta' Lulju 1996, minghajr ebda pre-avviz jew raguni valida fil-ligi, s-socjeta`

konvenuta nfurmat lis-socjeta` attrici illi hija kienet qed ittemm l-agenzija u r-rapprezentanza taghha mal-kumpanija attrici b'effett immedjat u kienet qed tghaddi l-agenzija w r-rappresentanza taghha lill-kumpanija marittima gdida li kienet ghadha kif giet iffurmata minn zewgt ex-impjegati tal-kumpanija attrici gimgha qabel; illi bhala rizultat ta' dina d-decizjoni unilaterali u bla ebda raguni mehuda mid-ditta konvenuta, is-socjeta` attrici spiccat illi tilfet hafna mill-klijentela li kienet ilha trawwem ghal dawn l-ahhar seba' snin u dana ghav-vantagg tal-kumpanija konvenuta; illi filwaqt li fis-sena 1995, is-socjeta` attrici rregistrat profitt fil-qasam tal-'groupage' mill-Italja ta' madwar LM13,500 fis-sena 1996, dina l-figura, minflok ma telghet, kif kien previst skond ir-records tal-kumpanija, nizlet ghal LM4,000 u dana bhala rizultat tat-terminazzjoni unilaterali u immedjata tas-socjeta` konvenuta illi qabdet u hadet hafna mill-klijentela tas-socjeta` attrici u bdiet taghmel uzu taghhom tramite l-kumpanija l-gdida li kienet inghatat l-agenzija w r-rappresentanza tas-socjeta` konvenuta; illi l-ligi Kummercjali, f'Artikolu 78, tikkontempla illi meta agenzija ma tkunx ghal zmien stabbilit, kemm il-principal jew l-agent jista' jholl dina l-agenzija, izda ghandu jinghata avviz ta' tlett xhur qabel it-terminazzjoni ta' l-agenzija; illi l–istess artikolu jikkontempla wkoll illi l-agent ghandu jinghata l-kummissjoni fuq l-operazzjonijiet li jkunu miexjin waqt it-tlett xhur avviz li ghandu jinghata; illi huwa car li d-ditta konvenuta agiet in mala fede meta ma tat l-ebda avviz ta' tlett xhur u tterminat l-agenzija w r-rappresentanza taghha b'vjolazzjoni tal-Ligi, fosthom ta' l-Artikolu 78 tal-Kodici Kummercjali; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi t-terminazzjoni tal-agenzija w r-rappresentanza da parte mid-ditta konvenuta saret in mala fede w in vjolazzjoni tal-procedura stabbilita` fil-Kodici Kummercjali, f'Artikolu 78 kif ukoll artikoli ohra tal-Ligi u dana ghad-detriment tas-socjeta` attrici;
2. tillikwida d-danni sofferti mid-ditta attrici minhabba fit-telf tal-klijentela bhala rizultat tal-agir abbusiv u illegali tad-ditta konvenuta flimkien mal-kummissjoni dovuta lill-kumpanija attrici fuq operazzjonijiet li sehhew fil-perjodu

ta’ tlett xhur wara t-terminazzjoni tal-agenzija w r-rappresentanza;
3. tikkundanna lill-istess ditta konvenuta illi thallas dina s-somma hekk likwidata minn din il-Qorti, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tat-terminazzjoni tal-agenzija w r-rappresentanza, jew dati ohra stabbiliti appozitament minn dina l-Qorti sad-data tal-pagament effettiv.

“B’riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

“Bl-ispejjes kontra d-ditta konvenuta illi, flimkien mad-diretturi taghha, huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

“Rat in-nota tal-konvenuti nomine tas-17 ta’ April 1997 li permezz taghha eccepew illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes stante li mhux minnu dak allegat mis-socjeta` attrici li t-terminazzjoni tal-agenzija u r-rappresentanza saret in mala fede u in vjolazzjoni tal-procedura stabbilita fil-Kodici Kummercjali.

“Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tas-socjeta` konvenuta.

“Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-23 ta’ April 1998 ta’ din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tas-17 ta’ Gunju 1998 sabiex tigi trattata u deciza.

“Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

“Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-22 ta’ Marzu, 2002 meta, fuq talba tal-partijiet l-kawza giet imhollija ghas-sentenza bil-fakolta’ tan-noti fit-terminu stabbilit.

“Osservat li ebda wahda mill-partijiet ma pprezentat in-nota ta’ osservazzjonijiet taghha hlief li s-socjeta` konvenuta filwaqt li rrilevat li ma kenetx giet notifikata bin-nota tal-kontro parti u ghalhekk ma kellhiex tirrispondi,

irrimettiet ruhha ghall-atti processwali u talbet li t-talbiet attrici jigu michuda billi huma legalment u fattwalment insostenibbli.

“Ittrattat il-kawza.

“Ikkunsidrat:-

“Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri gew elenkati b’mod ezawrjenti fl-att promotorju, jkun ghalhekk futili li din il-Qorti terga issemmi l-fatti kollha relevanti li johorgu mix-xhieda u dokumenti prodotti. In succint pero’ jista’ jigi rilevat li l-ilment tas-socjeta` attrici jikkonsisti principalment fuq zewg fatturi. Fl-ewwel lok qed jinghad li s-socjeta` konvenuta ma’ min is-socjeta` attrici kellha arrangamenti in konnessjoni ma’ xoghol ta’ “groupage containers” ghall-merkanzija “*incoming*” kif ukoll dik “*outgoing*” ghas-servizz ta’ klijenti lokali, itterminat l-arrangamenti taghha mas-socjeta` attrici minghajr ma tat pre-avviz ta’ tlett xhur kif jipprovdi l-Artikolu 78 tal-Kodici tal-Kummerc. Fit-tieni lok is-socjeta` attrici qedgha wkoll tirreklama danni sofferti bhala rizultat tal-fatt li mat-terminazzjoni tal-“agency agreement” hija sofriet telf fl-introjtu taghha stante li l-klijenti taghha bdew juzaw is-servizzi tas-socjeta` konvenuta tramite r-rappresentanti taghha Sullivan Maritime Limited.

“Qabel xejn ghandu jigi enfasizzat li ebda ftehim ta’ agenzija li ma tkunx ghall-zmien stabbilit, bhal fil-kaz sotto ezami, ma jaghti ebda drittijiet la lill-principal kemm lill-agent hlief kif preskritt fl-artikolu 78 ta’ Kodici tal-Kummerc. Infatti dan l-artikolu jiddisponi li f’arrangamenti simili “*sew il-principal kemm l-agent jistghu jhollu l-agenzija billi jaghtu avviz lil xulxin tlett xhur qabel, bla hsara tal-jedd ta’ l-agent ghall-kummissjoni fuq l-operazzjonijiet li jkunu mexjin.*” Is-subinciz (2) tal-istess artikolu izda jipprovdi wkoll li din ir-regola ma tghoddx meta l-agenzija tispicca minhabba l-malafede tal-principal jew l-agent.

“Is-socjeta` attrici qedgha tallega l-malafede da parti tas-socjeta` konvenuta billi qed jigi sottomess li l-manuvra

saret apposta biex s-socjeta` konvenuta takkapparra l-klijentela maltija li s-socjeta` attrici kienet, fuq firxa ta' snin, irnexxilha tohloq bil-konoxxenza taghha tas-suq lokali. Irrizulta pero' li t-telf li sofriet s-socjeta` attrici ma kienx la kkawzat mis-socjeta` konvenuta u lanqas ma din is-socjeta` ibbenefikat minn din il-klijentela. Infatti jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet ghal xi snin qabel l-1996, cioe meta giet terminata l-agenzija in kwistjoni, tinnegozja ma' ditta ohra taljana in konnessjoni mas-servizzi tal-"*groupage containers.*" Tul dan iz-zmien ta' cirka erba' snin jidher li n-negozju kien beda jikber u jaghti l-frott billi l-profitti zdiedu sostanzjalment f'dan il-perjodu. Fis-sena 1996 zewg impjegati tad-ditta "*Carretta & Tavoni*", li maghha kien jsir dan in-negozju, fethu ghar-rashom is-socjeta` Doge International s.r.l. u immedjatament s-socjeta` attrici ttrasferit in-negozju taghha ta' "*groupage*" lil din is-socjeta` u baqghet tinnegozja maghha ghal cirka tlett xhur. Matul dan il-perjodu, naturalment, is-socjeta` Doge International s.r.l. saret taf izjed lill-klijenti tas-socjeta` attrici. Jinghad izjed billi l-persuni li kienu holqu Doge kien gja kellhom konoxxenza tal-klijentela tas-socjeta` attrici minhabba l-posizzjoni li kienu jokkupaw qabel fis-socjeta` Carretta & Tavoni.

"Gara li wara xi tlett xhur li s-socjeta` attrici bdiet tahdem mas-socjeta` konvenuta, il-Managing Director u l-General Manager, u cioe l-persuni li kienu direttament involuti fit-tmexxija tan-negozju tal-"*groupage*" tas-socjeta` attrici ddecidew li jitilqu minn mas-socjeta` attrici u jifthu ghar-rashom. Immedjatament is-socjeta` konvenuta tterminat l-agenzija mas-socjeta` attrici u bdiet tahdem mas-socjeta` Sullivan Maritime Ltd li kienet inholqot mill-ahwa Ernest u Joseph Sullivan gja Managing Director u General Manager tas-socjeta` attrici. Billi dawn kienu l-persuni involuti fil-"*groupage services*" u billi wkoll issa s-socjeta` attrici ma kellhiex rappresentanza fl-Italja u ghalhekk ma setghetx taqdi l-klijenti taghha, dawn marru ghand is-socjeta` Sullivan Maritime Ltd li bdiet taqdihom tramite s-socjeta` Doge.

"Minn dan il-Qorti ma tara ebda malafede da parti tas-socjeta` konvenuta billi l-klijenti lokali ma kienux u qatt ma

saru taghha, billi s-sehem taghha mill-kummissjonijiet jew drittijiet ma varjawx, u billi finalment kull ma ghamlet din is-socjeta` kien li, kif kellha dritt, itterminat l-arrangament li kellha mas-socjeta` attrici. Jista' jkun il-kaz li tirrizulta xi frode f'persuni ohrajn pero' dan mhux mertu ta' din il-kawza u certament ma jirrizultax frode fis-socjeta` konvenuta.

"Illi ghar-rigward tal-ilment tas-socjeta` attrici li ma nghatatx pre-avviz ta' tlett xhur qabel it-terminazzjoni tal-agenzija, jidher li dan l-ilment huwa gustifikat. Dan billi l-arrangamenti li kien hemm bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta gew terminati u tronkati "*hezrem*" fis-16 ta' Lulju 1996 b'fax ta' dik l-istess data (dok A fol 7). Dan jfisser li s-socjeta` attrici mhux biss kellha dritt ghall-kummissjonijiet tal-operazzjonijiet "*in corso*" izda wkoll ghal kumpens ghal telf ta' negozju ghall-perjodu tan-"*notice*" u cioe` bejn is-16 ta' Lulju 1996 u s-16 ta' Ottubru 1996.

"Dwar il-kummissjonijiet dovuti lis-socjeta` attrici ghan-negozju li kien ghaddej jew kuntrattat antecedenti t-terminazzjoni tal-agenzija jidher li dan huwa kopert bid-dokument 'C' a fol 9 tal-process. Dan id-dokument li jikkonsisti fi "*statement of account"* mibghut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici jelenka n-negozju kollu pendenti bejn iz-zewg socjetajiet ghall-perjodu qabel ma giet terminata l-agenzija – dan ghalkemm xi servizzi jidhru li nghataw f'Settembru tas-sena 1996 izda dan jfisser biss li ghalkemm in-negozju gie kuntrattat qabel it-terminazzjoni tal-agenzija dan inghata xi zmien wara. Issa mix-xhieda ta' Joseph Sullivan, rappresentat tas-socjeta` Sullivan Maritime jirrizulta li s-socjeta` attrici thallset ghal dak kollu li kien gie kuntrattat qabel it-terminazzjoni tal-agenzija. Fil-verita' din ix-xiehda, li ma gietx kkontestata mis-socjeta` attrici hija korroborata mill-istess dokument 'C' a fol 9 tal-process. Infatti dan id-dokument juri li s-socjeta` konvenuta kienet qeghdha tirreklama minghand is-socjeta` attrici is-sehem taghha tal-"fees" li kienu ngabru ghas-servizzi hemm indikati. L-istess Lorenzo Zanatta rapprezentant tas-socjeta` konvenuta qal espressament li "*Doge International has sustained*

*considerable damages as, to date, it has not yet collected the agency fees due from Sullivan Shipping for work undertaken, withheld unjustifiably and without due cause.*" Ghalhekk jidher li s-socjeta` attrici giet sodisfatta ghad-drittijiet taghha ghall-kummissjonijiet ghall-operazzjoni "*in corso*". Din il-Qorti konsegwentement ser tillimita ruhha li tiddikjara li s-socjeta` attrici hija intitolata ghall-kummissjonijiet li kienu "*in corso*" qabel it-terminazzjoni tal-agenzija mis-socjeta` konvenuta, biss tastjeni milli tillikwida l-ammont dovut a termini ta' l-artikolu 78 tal-Kodici tal-Kummerc billi l-ammont dovut jinsab f'idejn is-socjeta` attrici u jispetta lill-partijiet li jew bonarjament jew tramite proceduri gudizzjarji, jillikwidaw il-pendenzi ta' bejniethom fuq dan il-kap.

"Illi kif gja rajna aktar 'il fuq is-socjeta` attrici hija ukoll intitolata ghal xi forma ta' kumpens ghall-introjtu jew kummissjonijiet mhux percepiti fil-perjodu tan-"*notice*" li kellu jinghata u ma nghatax mis-socjeta` konvenuta. Dawn ghandhom minn natura ta' danni billi s-servizz qatt ma nghata.

"Issa c-Chairman tas-socjeta` attrici mitlub jikkwantifika dawn id-danni, ghalkemm proprjament il-mistoqsija kienet marbuta mat-telf ta' introjtu minhabba it-telf tal-klijenti, ma riedx jintrabat u halla f'idejn il-Qorti biex tillikwida dan l-ammont.

"Ghandu jinghad qabel xejn li provi konkluzzivi tan-negozju li ghamlet is-socjeta` konvenuta ghat-tlett xhur wara is-16 ta' Lulju 1996 ma gewx prodotti. Il-Qorti ghalhekk tista' biss tibbaza l-kalkoli taghha fuq l-ammont ta' negozju li kien jsir bejn il-kontendenti fil-perjodu precedenti ghat-terminazzjoni ta' l-agenzija u ghal dan il-ghan issir referenza ghad-dokument 'C' a fol 9 tal-process li ssemma aktar-il fuq. Naturalment kull kalkolu jkun approssimattiv u milhuq "*arbitrio boni viri*".

"Mid-dokument imsemmi jidher li bejn il-perjodu l-1 ta' Gunju 1996 u l-1 ta' Settembru 1996 – cioe` tlett xhur shah, is-socjeta` konvenuta qeghda tirreklama minghand is-socjeta` attrici b'titolu ta' kummissjoni ghal servigi rezi

s-somma ta’ LM5,990.85. Dan l-ammont izda jirrifletti n-negozju li gie konkjuz qabel l-1 ta’ Gunju 1996 u ma jiehux in konsiderazzjoni kwalunkwe negozju li seta’ sar jew gie kuntrattat kieku l-kontendenti baqghu jahdmu flimkien, wara is-16 ta’ Lulju 1996 u cioe meta giet itterminata l-agenzija. Il-perjodu l-1 ta’ Gunju 1996 sas-16 ta’ Lulju 1996 jirraprezenta nofs il-perjodu ta’ tlett xhur mehtieg ghan-“*notice*” u ghalhekk jkun ragionevoli li din il-Qorti filwaqt li tnaqqas l-ammont ta’ LM1,500 mis-somma ta’ cirka LM6000 fuq imsemmija biex taghmel tajjeb ghan-negozju li seta’ gie kuntrattat qabel l-1 ta’ Gunju 1996, tirdoppja l-ammont rizultanti biex dan jkun jirraprezenta sehem is-socjeta` attrici mill-kummissjonijiet dovuti matul il-perjodu tan-“*notice*”. Id-danni dovuti lis-socjeta` attrici minhabba n-nuqqas ta’ pre-avviz da parti tas-socjeta` konvenuta fit-terminazzjoni tal-agenzija qed jigu likwidati fis-somma ta’ disa’ telef lira maltin (LM9000).

“Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi:-

1) fl-ewwel lok tiddikjara li ma kienx hemm mala fede da parte tas-socjeta` konvenuta fit-terminazzjoni tal-agenzija li din kellha mas-socjeta` attrici;

2) fit-tieni lok tiddikjara li s-socjeta` konvenuta naqset milli tosserva d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 78 tal-Kodici tal-Kummerc meta tterminat l-agenzija u bhala tali hija responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` attrici ghat-telf subit fil-perjodu tan-“*notice*”;

3) tiddikjara li s-socjeta` attrici hija dovuta l-kummissjoni kollha ghan-negozju kollu pendenti fiz-zmien tat-terminazzjoni tal-agenzija, biss tiddikjara wkoll li dan l-ammont gja jinstab fil-pussess tas-socjeta` attrici u ghad jridu jsiru kunteggi bejn il-kontendenti dwar l-ammonti dovuti rispettivament fuq dan il-kap, u f’dan is-sens tastjeni milli tippronunzja ruhha dwar l-ammontar ta’ din il-kummissjoni;

4) tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici minhabba n-nuqqas ta’ pre-avviz a termini tal-artikolu 78 tal-Kodici tal-Kummerc fis-somma komplessiva ta’ disat elef lira maltin (LM9,000); u

5) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas dawn id-danni lis-socjeta` attrici bl-imghax legali mil-lum stante li qeghdin jigu likwidati b'din is-sentenza.

"L-ispejjes fic-cirkostanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal terz mis-socjeta` attrici u zewg terzi mis-socjeta` konvenuta."

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

2.1 Fir-rikors ta' appell taghha s-socjeta` appellanti Doge International S.r.l. tressaq bazikament zewg aggravji, jigifieri,

i) tikkontesta d-decizjoni tal-Prim Awla li s-socjeta` attrici Sullvian Shipping Agencies Limited ghandha dritt tigi kumpensata ghaliex ma gietx moghtija l-avviz li jitkellem fuqu l-Artikolu 78 tal-Kodici Kummercjali li kien applikabbli fiz-zmien meta giet intavolata l-kawza;

ii) f'kaz li din l-ewwel lanjanza tigi skartata, tilmenta dwar l-ammont likwidat mill-Prim Awla favur is-socjeta` attrici.

2.2 Fl-ewwel lok is-socjeta` appellanti tissottometti li l-legislatur zgur ma kellux l-intenzjoni li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 78 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) li jitratta t-terminazzjoni ta' agenzjija ghal zmien indefinit u jipprovdi li-

"Meta l-agenzija moghtija mid-ditta ma tkunx ghal zmien stabbilit, sew il-principal kemm l-agent jistghu jhollu l-agenzija billi jaghtu avviz lil xulxin tliet xhur qabel, bla hsara tal-jedd ta' l-agent ghall-kummissjoni fuq l-operazzjonijiet li jkunu mexjin."

ghandhom japplikaw ghall-kazijiet bhal dak odjern fejn ir-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet kontendenti kien ilha biss madwar sebghin gurnata u ma kien hemm xejn formali bil-miktub; izda ghal relazzjonijiet kummercjali ta' certa portata, fejn il-partijiet ikunu ilhom jahdmu flimkien ghal perjodu twil u allura ma huwiex gust li wahda mill-partijiet, bla kliem u bla sliem, tittermina r-relazzjoni

kummercjali bejniethom bil-konsegwenza li l-parti sokkombenti tispicca minghajr ebda rabta.

Hija ssostni li mhix responsabbli ghad-danni ghaliex il-klijentela li s-socjeta` attrici tghid li kellha u li sussegwentement bdew jinqdew bis-socjeta` Sullivan Maritime Ltd, li maghha l-appellanti bdiet tikkollabora, kienu liberi li jinnegozjaw ma' min riedu u biddlu minghajr ebda indhil jew insistenza min-naha taghha. In fatti l-appellata ma gabet ebda prova li l-klijentela taghha marret ghand is-socjeta` Sullivan Maritime Ltd jew ghandha fuq talba jew insistenza taghha. Finalment tissottometti li bhalma f'kuntratt ta' impjieg l-ewwel tlett xhur huma perjodu ta' prova ossia l-"probationary period" fejn kwalunkwe wahda mill-partijiet ghandha dritt tholl il-kuntratt bla raguni u pre-avviz, fil-kaz odjern il-perjodu kien wiehed ta' "assessment" bejn il-partijiet u stante li d-diretturi tas-socjeta` appellanti dehrilhom li jkun ahjar li jitterminaw l-agenzija, hekk ghamlu. B'daqstant pero` ma jistax jinghad li l-appellanti hija responsabbli ghad-danni versu s-socjeta` appellata.

2.3 Indubbjament jidher li r-risoluzzjoni tal-vertenza in ezami tiddependi unikament fuq dak li jipprovdi l-Artikolu 78 tal-Kap. 13 li japplika fil-kaz ta' agenzija li ma tkunx ghal zmien stabbilit, bhalma huwa l-kaz odjern.

Is-socjeta` appellanti ssostni li hija mhix responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mis-socjeta` attrici ghaliex tinterpreta t-test ta' l-Artikolu 78 fis-sens li dan ma japplikax ghar-relazzjonijiet kummercjali li ilhom biss zmien qasir izda ghal relazzjoni kummercjali li tkun ilha stabbilita bejn il-partijiet ghal zmien twil u fejn mhux gust li parti tispicca din ir-relazzjoni kummercjali hesrem. Din l-interpretazzjoni ta' l-artikolu precitat, izda, ma ssibx fondament fil-kaz odjern ghax l-artikolu ghandu dicitura cara.

2.4 Ghandu jigi rilevat illi dwar din il-materja gie ritenut illi "*meta l-kliem tal-ligi huwa car u jiftiehem mhux il-kaz ta' interpretazzjonijiet tal-ligi li jmorru aktar lil hinn mill-istess kliem tal-ligi; lanqas ma ghandhom ikunu prospettati*

*teoriji ipoteteci ta' fejn il-kliem tal-ligi jista' jwassal jew ma jwassalx. Konsegwentement ma nistghux nintiflu fi kwistjonijiet ta' "ruat" jew "non ruat coelum". Jekk il-kliem tal-ligi jaghmel sens u jiftiehem, il-Qorti ghandha tapplikah espressament u minghajr esitazzjoni.*" (**Joseph Dingli et v. Iris Giacomotto et** PA deciza 17 ta' Marzu 1986). Dan ghaliex "*il-kompitu ta' l-interpretazzjoni mhux ezercizzju facli u, anzi, ta' sikwit joffri insidji li, jekk wiehed ma joqghodx attent ghalihom spiss jinkorri fi zball*." (**Cassar et v. Castillo** Appell Inferjuri deciz 6 ta' Ottubru 2004). Aktar sempliciment, *interpretatio cessat in claris*.

Infatti li kieku l-Qorti kellha taghti l-interpretazzjoni taghha lil dawk id-disposizzjonijiet tal-ligi fejn id-dicitura hija car din tkun qeghda tikkoregi disposizzjoni tal-ligi u tivvjola l-principju ta' l-ermenewtika legali *"ubi nulla ambiguitas verborum est, non est facienda voluntatis queastio"*. Gie ritenut mill-qrati nostrana li d-disposizzjonijiet tal-ligi ghandhom jigu interpretati minnhom biss meta "*l-interpretazzjoni grammatikali ta' disposizzjoni tal-ligi ma tkunx bizzejjed biex turi x'kien il-hsieb tal-legislatur,*" (**AIC V. Gustavo v. E Staines noe et** Appell deciz 25 ta' Ottubru 1940) jew meta t-test ikun oskur jew elaborat izzejjed jew ikun fonti ta' aktar minn interpretazzjoni wahda. F'kazi simili u meta jkun hemm dubju huwa "*komputi tal-gudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skond l-intenzjoni tal-legislatur, u b'quddiem ghajnejh ir-ragunijiet li geghlu lil-legislatur jadotta l-ligi. Il-gudikanet ghalhekk ghandu jinkorri ghal 'mens legis' biex jaghti dik l-intepretazzjoni li tikkorrispondi ghall-ispirtu formatur tal-ligi.*" (Kollezzjoni Vol. XXXVII pt 1 p179).

2.5 Minn qari tal-precitata disposizzjoni tal-ligi jirrizulta kjarament li l-legislatur ma ghamel ebda distinzjoni u ghalkemm jaghti d-dritt lil kull wahda mill-partijiet li tittermina l-agenzija jimponi fuqha zewg kundizzjonijiet:-
i) li jinghata avviz tlett xhur qabel tali terminazzjoni;
ii) li l-agent ghandu l-jedd ghall-kummissjoni fuq l-operazzjonijiet li jkunu pendenti bejn il-partijiet.

Fejn il-legislatur ma riedx li din id-disposizzjoni tapplika stipula specifikatament u in fatti fl-Artikolu 78 ikompli jipprovdi li din ir-regola ma tapplikax "meta l-agenzija tispicca minhabba l-mala fidi tal-principal jew ta' l-agent." Tali eccezzjoni izda ma hix applikabbli fil-kaz odjern ghaliex, kif sewwa ddecidiet il-Qorti ta' l-ewwel grad, liema decizjoni fuq dan il-punt ma gietx kontestata, "ma jirrizultax li kien hemm xi mala fidi tas-socjeta` konvenuta billi l-klijenti lokali ma kienux u qatt ma saru taghha, billi s-sehem taghha mill-kummissjonijiet jew drittijiet ma varjawx, u billi finalment kull ma ghamlet din is-socjeta` kien li, kif kellha dritt, itterminat l-arrangament li kellha mas-socjeta` attrici."

2.6 Kif sewwa tissottometti l-appellata, l-analogija li l-appellanti tipprova taghmel bejn il-perjodu ta' "probation" applikabbli fil-kaz ta' kuntratt ta' impjieg u s-sitwazzjoni odjerna hija inkorretta ghaliex li kieku l-legislatur ried li jkun hemm perjodu ta' *assessment* fil-kaz ta' l-agent tal-kummerc kien jistipula dan espressament kif ghamel fir-rigward tal-bzonn li jinghata l-pre-avviz ta' tliet xhur.

L-obbligu tas-socjeta` appellanti li tikkompensa lis-socjeta` appellata ghad-danni huwa rizultat tan-nuqqas ta' din ta' l-ewwel li thares dik l-obbligazzjoni imposta fuqha mil-ligi u taghti l-pre-avviz rikjest mill-Artikolu 78. B'hekk kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti
"….billi l-arrangamenti li kien hemm bejn is-socjeta` attrici u dik konvenuta gew terminati u tronkati 'hesrem' fis-16 ta' Lulju 1996, b'fax ta' dik l-istess data (Dok. A fol. 7). Dan ifisser li s-socjeta` attrici mhux biss kellha d-dritt ghall-kummissjonijiet ta' l-operazzjonijiet 'in corso' izda wkoll ghal kumpens ghal telf ta' negozju ghall-perjodu tan-'notice' u cioe` bejn is-16 ta' Lulju 1996 u s-16 ta' Ottubru 1996."

Dan ghaliex l-ghan tal-legislatur hawnhekk kien li jipprotegi lill-parti sokkombenti li ser tintlaqat negittivament mill-azzjoni tal-kontroparti, u dan indipendentement minn jekk ir-relazzjoni kummercjali kenitx ilha bosta snin jew ftit xhur. Iz-zmien tal-pre-avviz huwa necessarju biex il-parti

sokkombenti tkun tista' taghmel l-arrangamenti mal-klijenti taghha u ma' terzi u tgharrafhom b'dak li jkun se jigri fix-xhur futuri.

Dan l-ewwel aggravju ghalhekk jirrizulta infondat.

3.1 Fit-tieni lok l-appellanti tissottometti wkoll li f'kaz li jigi michud l-ewwel aggravju taghha dwar in-nuqqas ta' responsabbilita` ghall-hlas tad-danni, din il-Qorti ta' l-Appell ghandha tvarja s-somma likwidata mill-Qorti ta' l-ewwel grad stante li l-ammont likwidat hu eccessiv. Hija tibbaza din il-lanjanza fuq is-segwenti ragunijiet:-
i) dak li ghandu jigi percepit mill-attrici huwa t-telf ta' qliegh ghal perjodu ta' tlett xhur; u Dok C li fuqu strahet l-ewwel Qorti meta llikwidat id-danni arbitrio boni viri, jirrapprezenta n-negozju li kien hemm bejn il-partijiet kontendenti u mhux il-qliegh;

ii) meta hija temmet ir-relazzjoni kummercjali ma' l-attrici, din ta' l-ahhar regghet qabdet tinnegozja mas-socjeta` Carretta & Tavoni, u konsegwentement kellha certa attivita` li rrenditilha introjtu li ghandu jigi mnaqqas;

iii) Ghandhom jitnaqqsu wkoll l-ispejjez li saru biex gie generat dak in-negozju.

Ghaldaqstant, il-qliegh reali huwa ferm inqas minn dak likwidat mill-Qorti.

Tghid li l-qliegh iggenerat minn dan in-negozju ma kienx jeccedi l-LM1,250 u li anke s-socjeta` appellata ma ppretendietx l-ammont likwidat, u fic-citazzjoni ppremettiet illi filwaqt li fl-1995 il-qliegh taghha kien ta' LM13,500, fl-1996 nizel ghal LM4,000. B'hekk tghid li jekk wiehed jaccetta li s-socjeta` appellata garrbet xi danni, anke jekk naqset li tipprova dan u ma gie appuntat hadd biex jikkalkola t-telf li setghet ghamlet l-attrici, skond l-istess attrici l-ammont likwidat ghandu jkun kwart ta' LM9,500 ossia LM2,375.

3.2 Min-naha taghha, is-socjeta` appellata kienet sodisfatta mil-likwidazzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad u

tirribatti l-argumenti ta’ l-appellanti billi tghid li s-socjeta` konvenuta kienet qed tipprova tiskredita dokument pprezentat minnha stess f’din il-kawza u f’kawza ohra li hija intavolat b’success kontra l-appellata. Tali dokument kien juri x’kien is-sehem li l-konvenuta kellha fin-negozju bejn il-partijiet, fejn il-kummissjonijiet kienu jinqasmu ugwalment.

3.3 Fl-ewwel lok jinghad li l-Qorti ta’ l-ewwel grad, wara li qalet illi s-socjeta` attrici kienet intitolata ghal xi forma ta’ kumpens ghall-introjtu jew kummissjonijiet li ma rcevietx fil-perjodu tal-pre-avviz impost mil-ligi, irrilevat illi ma kienux gew prodotti provi konkluzzivi dwar in-negozju li kien sar mill-konvenuta wara is-16 ta’ Lulju 1996, fil-perjodu tat-tlett xhur pre-avviz. Inoltre, qalet li fix-xiehda tieghu c-Chairman tas-socjeta` attrici kien halla f’idejn il-Qorti biex tillikwida d-danni dovuti. Dik il-Qorti kienet ghalhekk uzat id-diskrezzjoni taghha u llikwidat il-kumpens dovut a bazi tan-negozju li kien sar bejn il-partijiet kontendenti fil-perjodu precedenti t-terminazzjoni ta’ l-agenzija. B’hekk irreferiet ghal Dok C (fol. 9) datat 28 ta’ Ottubru 1996, li kif korrettement tissottometti s-socjeta` appellanti huwa *statement of account* mibghut mis-socjeta` konvenuta lill-attrici li jelenka n-negozju pendenti bejn il-partijiet mill-perjodu 1 ta’ Gunju 1996 sa meta sehhet it-terminazzjoni ta’ l-agenzija. Peress li dan ir-rendikont kien jinkludi wkoll negozju li gie kkuntrattat qabel l-1 ta’ Gunju 1996, dik il-Qorti kienet naqqset l-ammont ta’ LM1,500 biex taghmel tajjeb ghan-negozju li seta’ gie kkuntrattat qabel dik id-data. Inoltre, spjegat li ghalkemm hemm xi servizzi li nghataw f’Awissu u Settembru 1996, it-transazzjoni kienet giet ikkuntrattata qabel it-terminazzjoni li sehhet fis-16 ta’ Lulju 1996, u s-servizz nghata wara. B’hekk illikwidat l-ammont ta’ LM9,000 bhala danni.

3.4 Fil-fehma ta’ din il-Qorti, bhal dik ta’ qabilha, il-kumpens dovut lis-socjeta` appellata ghandu jkun ugwali kemm jista’ jkun ghall-ammont ta’ kummissjoni li hija tilfet fit-tlett xhur wara t-terminazzjoni ta’ l-agenzija u mhux semplicement il-qliegh li jirrizulta min-negozju – dan ghaliex kieku l-appellanti tat it-tlett xhur pre-avviz is-

socjeta` attrici kienet se tibqa' tinnegozja u tircievi dawn il-kummissjonijiet. Inoltre ghalkemm l-appellanti ghandha ragun meta tghid li s-socjeta` attrici dahhlet certu introjtu ghaliex regghet bdiet tinnegozja tramite s-socjeta` Carretta & Tavoni, huwa improbabbli li tali negozju sar mill-ewwel peress illi s-socjeta` attrici kellha bzonn terga' tallaccja r-relazzjonijiet kummercjali li kienet itterminat xi ftit xhur qabel ma' l-istess socjeta` Taljana. Irrizulta wkoll li f'dan iz-zmien is-socjeta` attrici tilfet bosta klijenti li kienu juzaw is-servizzi taghha u bdew jirrikorru ghas-servizzi tas-socjeta` Sullivan Maritime Limited u b'hekk l-introjtu taghha certament naqas. Jinghad ukoll li l-introjtu li l-attrici ppremettiet li dahhlet fl-1996 huwa wiehed baxx hafna hdejn tas-sena ta' qabel li kien jammonta ghal LM13,500. L-argument ta' l-appellanti f'dan ir-rigward mhux korrett ghaliex jirrizulta mid-deposizzjoni ta' John E. Sullivan, Chairman tas-socjeta` attrici, li l-profitti generati minn dan ix-xoghol kienu qed jizdiedu sostanzjalment kull sena – in fatti filwaqt li fl-1994 il-qliegh kien ta' LM7,200 dak fl-1995 kien ta' LM13,500.

Ghalhekk jirrizulta li l-komputazzjoni maghmula mill-ewwel Qorti kienet wahda gusta u d-diskrezzjoni taghha m'ghandhiex tigi disturbata minn din il-Qorti. Dan l-aggravju ghalhekk huwa wkoll infondat u qieghed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tikkonferma <u>in toto</u> is-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta b'dan li l-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-ewwel istanza ghandhom jibqghu invarjati, filwaqt li dawk relaltivi ghat-tieni istanza jithallsu interament mis-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------